# Festa Titulari Santa Marija

## Mqabba 2013



## *Storja*

# Il-pesta fl-Imqabba mitejn sena ilu

**Il-Kan. Dun Jonathan Farrugia jikteb dwar il-pesta li laqtet lil Malta fl-1813 u fit-tieni ċentinarju jirriċerka kif din l-imxija kienet laqtet lill-Imqabba**

Mitejn sena ilu gżiritna kienet reġgħet ġiet milquta mill-pesta, li ħalliet madwar 4,500 vittma f'inqas minn 10 xhur.

Il-kaġun tat-tixrid ta' din il-marda kien xini li kien iġib l-isem ta' San Nicola li wasal Marsamxett minn Lixandra fit-28 ta' Marzu. Il-baħrin li kienu fuqu, ħafna minnhom Maltin, ġew ikkontaminati mill-Eġittu u meta niżlu l-art u marru għand il-familji tagħhom, xerrdu l-mikrobu. Ix-xini dam fil-port 13-il ġurnata u fuq insistenza tal-bord tas-saħħa ta' dak iż-żmien, reġa' telaq lejn Lixandra flok ġie meqrud. Iżda ġà kien tard wisq.

Ftit ġranet qabel telaq, wieħed Belti, Salvu Borg, skarpan, kien tela' fuq ix-xini bil-moħbi biex niżżel xi merkanzija bil-kuntrabandu u miegħu niżżel il-mikrobu. Xi ġranet wara, fid-19 ta' April 1813, mietet bintu Anna Maria li kellha 8 snin. Biex ma jiġix allarmat il-pubbliku, it-tabib Francesco Gravagna li ċċertifikaha mejta poġġa bħala kawża tal-mewt it-tifojde, imma f'temp ta' ftit ġranet bew imutu ħafna aktar nies u kollha bl-istess sintomi ta' dik it-tifla, b'mod li l-verità ma setgħetx aktar tiġi mistura.

Il-Belt ġiet maqsuma f'zoni fejn in-nies ma setgħux jidħlu għax kien hemm il-morda, waqt li l-bini pubbliku kollu (il-każini, il-qorti u t-teatru, flimkien ma' xi knejjes) ġew magħluqa waqt li z-zona u l-ħaddiema tal-Port kienu kontinwament suġġetti għal stħarriġ mediku. Il-Gvern kolonjali Ingliż ħareġ liġi li min jinqabad jaħbi xi informazzjoni dwar każi tal-marda jew jekk jaħbi xi persuni biex dawn ma jittiħdux fl-isptarijiet, kien se jkun ikkundannat għall-mewt.

### L-Imqabbba ssofri tmien każi f'pesta li ħalliet 4,500 vittma fil-pajjiż kollu

Waqt li fi bliet u rħula f'Malta l-vittmi kienu jlaħħqu l-mijiet, fl-Imqabba kien hawn biss 8 każi: 7 li seħħew fl-Imqabba u ieħor li seħħ fir-Rabat imma li jikkonċerna persuna Mqabbija. Il-kappillan dak iż-żmien kien Dun Stiefnu Zerafa, li f'dik is-sena terribbli kien ukoll kappillan delegat għall-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, fejn għad hemm triq imsemmija għalih. Hija ħasra li fl-Imqabba, fejn dam kappillan għal 26 sena u fejn jinsab midfun, baqa' minsi.

L-ewwel vittma kienet Maria Galea, armla ta' Ġwanni u bint Ġwanni u Tereża Briffa. Kellha 56 sena u mietet fl-20 ta' Mejju ta' dik is-sena f'darha fl-Imqabba. Peress li fuq ġisimha kienu jidhru s-sintomi tal-marda, minħabba l-biża' li xi ħadd seta' jittieħed, flok indifnet fil-knisja parrokkjali tal-Assunta, bħalma s-soltu kien isir, indifnet dakinhar stess "extra oppidum prope coemeterium… in regione Casal Millieri" ('il barra mir-raħal fiċ-ċimiterju proprju [li jappartjeni lill-parroċċa]… fl-inħawi ta' Ħal Millieri). Hawn tajjeb niftakru li fejn illum hemm iċ-ċimiterju tan-Nazzarenu, fl-imgħoddi kien hemm midfen mitluq magħruf bħala 'tal-Infetti' jew 'tal-Mejtin', proprju għax fih kienu jindifnu l-katavri infettati bil-pesta. Maria Galea hija waħda mill-ewwel persuni li nafu isimhom li ndifnu hemm.

### Id-deċiżjoni dwar dfin fil-knisja jew 'il barra mir-raħal

Bil-mewt ta' Galea sar magħruf li l-mikrobu tal-pesta kien wasal sal-Imqabba; huwa mifhum li hi daħlet f'kuntatt ma' xi ħadd minn xi lokalità oħra li kien ittieħed mill-marda, jew inkella li xtrat xi ħaġa mill-merkanzija li kien hemm fuq is-San Nicola. Wara mewtha, apparti mill-każi ta' trabi li jmutu wara ftit ġranet, il-mejtin kollha bdew jiġu invistati minn tabib biex jiġi deċiż kellhomx jiġu midfunin fil-knisja jew inkella f'tal-Infetti. Dan nafuh min-nota li nsibu fir-reġistru tal-mewt ta' Rosa Zammit, ta' 83 sena, li seħħet fis-27 ta' Mejju. Hawn naqraw li ġie kkonfermat mit-tabib Gregorio Mifsud li ma kinitx ikkuntaġġjata u għalhekk setgħet tindifen fil-knisja. Lejliet li mietet Zammit, nhar is-26 ta' Mejju, kien miet tifel ta' ħamest ijiem li kien jismu



**Ir-reġistrazzjon tal-mewt ta' Maria Galea**



Ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' Salvatore Zammit

Franġisk Zammit u ġie midfun fil-qabar tat-trabi fil-knisja.

Fit-30 ta' Mejju kien hemm it-tieni vittma, Salvu Zammit, iben Filippu u Franġiska, li kellu 41 sena u li miet f'daqqa. Hu wkoll ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Infetti l-għada ta' mewtu. Għal ġimgħa kien hemm il-kwiet, sakemm fis-7 ta' Ġunju mietet tifla ta' 6 snin, Liberata Briffa, bint Ġużeppi u Maria. Ir-reġistrazzjoni ta' mewtha tgħidilna li ġisimha kien jidher maħkum mill-pesta ("cujus cadaver, utpote peste correptum.") L-għada ndifnet f'tal-Infetti u dakinhar stess mietet ommha Maria li kellha 27 sena. Jidher li kien magħruf li Maria kienet marida għax il-kappillan ħalla miktub li mietet wara li rċeviet is-Sagrament tal-Morda. Hi kienet l-ewwel waħda mill-vittmi tal-pesta li rċeviet l-aħħar sagramenti, mela b'dan nifhmu li f'temp ta' 18-il ġurnata kien magħruf li l-pesta kienet ġa xterdet fl-Imqabba u l-morda biha kienu bdew jiġu identifikati.

## Il-pesta taħsad familja Mqabbija

In-niket tal-familja Briffa ma waqafx hemm. Fit-12 ta' Ġunju mietet tifla oħra, Angela, li kellha sentejn. Dakinhar stess indifnet ħdejn ommha u oħtha. Il-ġurnata ta' wara, wara s-sagrament tal-morda, miet missierha Ġużeppi, iben Mikielanġ u Liberata Briffa. Kellu 31 sena. Hu wkoll indifen ma' martu u uliedu dakinhar stess li miet.



Ir-reġistrazzjoni tal-mewt tal-familja Briffa

***Fejn illum hemm iċ-ċimiterju tan-Nazzarenu, fl-imgħoddi kien hemm midfen mitluq magħruf bħala 'tal-Infetti' jew 'tal-Mejtin', proprju għax fih kienu jindifnu l-katavri infettati bil-pesta***

Fl-4 ta' Lulju miet iż-żagħżugħ Mikielanġ Schembri ta' 16-il sena, iben Mikiel u Benvenuta. Qabel miet irċieva d-dilka tal-morda, imma ma setax jitqarben. Indifen mal-oħrajn f'tal-Infetti.

## Imqabbi, aktarx imħajjar isir patri, imut f'kunvent ir-Rabat

Wara dan għandna l-każ interessanti ta' Franġisk Zammit, iben Ġużeppi u Rosa, li kellu 21 sena. Dan miet fil-kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat ("in cenobio R.R. P.P. Ordijnis Predicatorum sito extra moenia Civitatis Notabilis.") Hu wkoll miet bil-pesta, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-pesta tal-Imdina. Nifhmu li dan huwa dak iċ-ċimiterju mitluq li jinsab fi tmiem in-niżla li mir-Rabat tieħu għall-Mosta. Dan Franġisk jew kien imħajjar isir patri, inkella l-kunvent kien inbidel fi sptar u ttieħed hemm.



Ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' Mikelanġ Schembri u Franġisk Zammit

Din l-aħħar ipotesi naraha xi ftit jew wisq improbabbli minħabba li mkien ma hemm nota li miet f'xi speċi ta' sptar; apparti li ma kienx prudenti li persuna marida bil-pesta tittieħed mill-Imqabba sar-Rabat għax faċilment setgħet tgħaddi l-marda lil ħaddieħor. Id-data preċiża tal-mewt tiegħu mhix miktuba, imma huwa mniżżel f'Ġunju bejn Mikielanġ (li miet fl-4 tax-xahar) u Maria Inguanez, li mietet fit-28 tal-istess xahar. Din tal-aħħar mietet għax waqgħet minn fuq il-bejt, għalhekk indifnet fil-knisja, wara li t-tabib Gregorio Mifsud iċċertifika li mietet kawża tal-waqgħa u li ma kinitx ikkuntaġġjata. Kellha 76 sena.

## Imwiet oħrajn mhux kaġun tal-pesta

Zammit kellu jkun l-aħħar vittma Mqabbija tal-pesta għax dawk kollha li mietu warajh kienu kollha tfal ta' bejn sitt ijiem u ħames snin (Maria Teresa Farrugia, Rokku Portelli, Ġużeppi Sapiano, Salvu Farrugia, Angela Ghigo, Ġużeppi Brincat u Anna Abdilla) u tliet

adulti: L-imsemmija Inguanez, Filippu Galea ta' 68 sena u Anna Borg.

Ma' dawn insemmu l-aħħar mewt reġistrata għas-sena 1813 li seħħet fis-16 ta' Diċembru: il-persuna kienet fetu li korra tul is-sitt xahar tat-tqala. Ommu Ġużeppa, mart Nikol Cutajar, għammditu hekk kif korrietu minħabba li kien fil-periklu imminenti tal-mewt ("ob imminens mortis periculum domi baptisatus fuit ab ipsimet matre in rudimentis fidei.") Dan indifen fil-kappella ta' San Bażilju.

B'hekk tajna ħarsa ta' malajr, imma bid-dettalji kollha meħtieġa, lejn dak li għexu l-Imqabbin mitejn sena ilu f'nofs il-biża' tal-flaġell tal-pesta.

Nota: Nixtieq irrodd ħajr lil Dr Anthony Mangion, eks-librar tal-Università ta' Malta, li semmieli li kien hemm xi vittmi Mqabbin waqt li kien qed jagħmel xi riċerka għal artiklu tiegħu fuq il-kappillan Dun Stiefnu Zerafa, li jinsab midfun fil-knisja parrokkjali tal-Assunta peress li miet fil-kariga nhar is-17 ta' Ottubru 1829.

***Il-kappillan fl-1813 kien Dun Stiefnu Zerafa, li kien ukoll kappillan delegat għall-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq, fejn hemm triq imsemmija għalih... fl-Imqabba, fejn dam kappillan 26 sena u fejn jinsab midfun, baqa' minsi***

**Biblijografija**


Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, Liber defunctorum IV 29 Nov 1765-12 Aug 1815, 176-178.

Attard Christian, The plague 200 years ago, f'The Malta Independent [9 June 2013].

Bonello Giovanni, The Plague of 1813, in Treasures of Malta vol. VIII n. 3.